# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 11 ta' Ottubru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**vs.**

**Yonas Yosief**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: <u>Yonas Yosief, iben Yosief and Letekirstos, imwieled Akrol, Saganeiti, Eritrea fl-1 ta' Jannar 2003, jirisjedi gewwa Flt 123, B, Triq Atocia, Hamrun u detentur ta' numru ta' Pulizija 21S-094</u>**

**Akkuzat talli:** ***nhar il-10 ta' Ottubru 2023, bejn 00.00hrs u 02.00hrs gewwa il-Hamrun u f'dawn il-gzejjer Maltin:-***

*1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed fil-periklu car ghall-hajja, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem jew fuq is-sahha ta' Tedros Samson, skond kif gie ccertifikat minn Dr. Robert Chircop bi numru mediku 2431 gewwa l-isptar Mater Dei u dan* ***bi ksur tal-artiklu 214, 215 u 221 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

*2. U aktar talli bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan* ***bi ksur tal-artiklu 338 (m) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

*3. U aktar talli għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika u dan* ***bi ksur tal-artiklu 338 (bb) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

*4. U aktar talli fl- istess cirkostanzi, volontarjament kiser l-bon ordni u paci pubbliku u dan* ***bi ksur tal-artiklu 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

*5. u aktar talli fl- istess cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, jinsab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu u dan* ***bi ksur tal-artiklu 338 (ff) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

*6. u aktar talli fl-stess cirkostanzi jagħmel lil Tedros Samson inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjon u dan* ***bi ksur tal-artiklu 339 (1) (e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Tedros Samson, u/jew individwi ohra biex tinzam l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta` protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta` vjolenza u dan* ***skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta` Tedros Samson billi taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront ta` l-imputata u dan* ***skond l-Artikolu 382A et. Seq. tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta***

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok IV 1) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li

l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u jerga jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u semghet ukoll lill-prosekuzzjoni tikkonferma li in vista tal-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u kif ukoll in vista tal-fedina penali netta tieghu u li dan kien incident ta' darba hija ma tinsistix fuq piena karcerarja effettiva izda wahda li t-terminu taghha jkun sospiz u lejn il-minimu piu multa ghall-kontravvenzjonijiet.

Minn naha taghha d-difiza filwaqt li abbraccjat is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni ziedet li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija li kwindi ghandha wkoll twassal ghal mitigazzjoni fil-piena u qablet ma piena ta' prigunerija sospiza.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz kif jemergu mill-atti u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni taghhom inkluz il-piena suggerita ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215 u 221(1), 338(m), 338(bb), 338(dd), 338(ff), 339(1)(e), 412Ċ u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Yonas Yosief** ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah **<u>ghal perijodu ta' erba' (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sena (1) millum u multa ta' hamsa u sebghin Ewro (€ 75) li ghandha tithallas f'pagamenti ta' hmistax il-Ewro (€15) fix-xahar</u>**.

Il-Qorti spjegat lill-hati **Yonas Yosief** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ottubru 2023**